# Iż-Żjara tal-Isqof Sampieri fiż-Żejtun



Kienet iż-żjara li saret f'Settembru, organizzata mill-Arċipriet lejn l-Eġittu u postijiet oħra Mqaddsa li nibbtu ħbieberija bejn l-Arċipriet u l-Isqof Egidio Sampieri, Vigarju Appostoliku f' Lixandra. Lixandra, post li nisimgħuh biss ifakkarna fil-maħbuba, qaddisa, padruna tagħna Santa Katerina V.M. Il-Kattidral iddedikat lill-Padruna tagħna, huwa l-kattidral tal-Isqof Sampieri.

Dan l-Isqof Egidio Sampieri ġej minn familja ta' origini Taljana li tgħix f' Lixandra. Huwa twieled fl-1928. F'żogħżitu daħal mal-patrijiet Franġiskani Minuri, jew kif nafuhom aħna, 'Ta' Ġieżu'. Ġie ordnat saċerdot fl-1952 u ordnat Isqof fl-1978. Huwa sar Vigarju Appostoliku fl-Lixandra, post li llum prinċipalment huwa Musulman u għalhekk ftit huma l-Insara, u dawn il-ftit huma ta' origini barranija.

Lixandra, għalkemm huwa post sabiħ ħafna u fejn il-baħar, fih hemm faqar kbir. M'huwiex post ippopolat daqs il-Kajr, il-belt kapitali ta' l-Eġittu, iżda xorta waħda jibqa l-fatt li l-faqar tista' tmissu b'idejk. Lixandra kienet il-belt kapitali l-antika ta' l-Eġittu. Hemm insibu wkoll il-palazz li kien tar-Re, u li llum huwa r-residenza tal-President Hosni Mubarak.

L-Isqof Sampieri laqa' bil-ferħa l-istedina li għamilnielu biex ikun fostna f'dawn il-granet tal-festa u bagħat messaġġ biex jaqsam magħna dan il-ferħ. Huwa jgħidilna li din il-qaddisa li hija l-padruna kemm ta' Lixandra kif ukoll tagħna Ż-Żwietent għallimna li minkejja kull diffikulta' aħna għandna nkunu dejjem fidili għax-xiehda li għandna nagħtu ta' Alla wieħed li Hu fuq kulħadd u li jħobbna lkoll. "Virgin and martyr, She will encourage us to maintain our hearts pure before God and willing to give our life as witnesses of Christ".

Aħna mhux biss għandna nkunu lesti li nilqgħu fostna lil dan l-Isqof imma fuq kollox inħallu l-inkoraġġiment li jagħmlilna permezz ta' l-eżempju tal-Qaddisa Santa Katerina V.M. ta' Lixandra li jheġġiġna u jmexxina fil-ħajja tagħna, f'dinja li donnu kull ma jmur qed titlef is-sens ta' Alla. L-istess Isqof Sampieri jibgħat l-barka Appostolika tiegħu lilna lkoll.

L-għaqda tagħna, Għaqda Banda Żejtun, bħal dejjem kienet lesta biex iżejjen din l-okkazzjoni u tiehu parti fil-merħba lill-Isqof Egidio Sampieri fiż-żjara tiegħu fostna, iż-Żejtun, għal jiem tal-festa iżda sfortunatament fl-aħħar ħin sirna nafu li l-Isqof kien indispost.

Nisperaw li nkunu nistgħu nilqgħu lil personalita oħra importanti, in-Nunżju Apostoliku fil-Kajr, Eġittu Mons. Isqof Pawlu Giglio għall-programm ta' lejliet il-festa. Dan kollu biex inżommu t-tradizzjoni tagħna l-Maltin u ż-Żwieten ta' poplu ħabib li jilqa' b'idejh miftuħa lil kulħadd, b'sinjal ta' paċi u ferħ kif trid il-Maħbuba tagħna Santa Katerina.